SANTA LUĊIJA

Minuti

It-Tmien Leġislatura

Laqgħa Numru 32/2021

30 ta' Settembru, 2021

Il-Kunsill Lokali ta' Santa Luċija ltaqa` fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab 5/6 Binja tal-Faqqani, Trejqet il-Ġirasol, Santa Luċija fil-5.00 p.m.

PREŻENTI:

Charmaine St John – Sindku

Frederick Cutajar – Viċi Sindku

Terrence Ellul – Kunsillier

Kylie D'Amato - Kunsilliera

Liam Sciberras – Kunsillier b'mod virtwali

Uffiċjal Preżenti – Doris Baldacchino – Deputat Segretarju Eżekuttiv

Minuti:

Is-Sindku Charmaine St John ippresjediet il-laqgħa

32.1. **Qari ta' ittri ta' apoloġiji**

Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji

32.2 **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti 31-2021**

Il-Minuti tal-laqgħa numru 31-21 ġew approvati fuq proposta tas-Sindku Charmaine St John u ssekondata mill-Viċi Sindku s-Sur Frederick Cutajar.

Il-Kunsillier Dr Liam Sciberras staqsa għaliex ref punt 31.4.3 u ref punt 31.4.4 (mistoqsijiet tal-Kunsilliera s-Sinjorina Kylie D'Amato) fil-minuti ma kienux mal-

mistoqsijiet tal-Kunsilliera. Id-Deputat Segretarju Ezekuttiv qalet li kienu tniżżlu skond kif ġew diskussi fil-laqgħa.

Il-Kunsillier Dr Liam Sciberras staqsa jekk ref punt 31.4.7 (servizz tal-knis) kinux qed jaħdmu fuq skeda ġdida. Is-Sindku kkonfermat li l-knis kien qed isir skond l-iskeda li l-Kunsill kellu qabel.

Il-Kunsillier Dr Liam Sciberras staqsa jekk il-Kunsill kienx irċieva l-pjanta ref punt 31.6.2. Is-Sindku kkonfermat li l-Kunsill kien talab lil Parks Malta għal pjanta permezz ta' e-mail pero' l-Kunsill kien għadu ma rċieva xejn. Il-Kunsillier Dr Liam Sciberras talab kopja ta' din l-email. Il-Kunsill qabel.

Il-Kunsillier Dr Liam Sciberras ukoll staqsa jekk kienx hemm xi update meta kienu qed jissaqqew is-siġar ref punt 31.6.1. Il-Kunsillier is-Sur Terrence Ellul kkonferma li żgur li kienu qed jissaqqew għaliex kien ra l-bowsers isaqqu.

Il-Kunsillier Dr Liam Sciberras ukoll staqsa meta ser issir il-laqgħa tas-sotto kumitat għal Ġieħ Santa Luċija. Is-Sindku qalet li hekk kif tispiċċa l-laqgħa tal-Kunsill, il-Kunsill seta' jikkordina data għal din il-laqgħa.

**32.3 Affarijiet Finanzjarji u Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti**

Il-Kunsill approva l-Iskeda ta' Pagamenti numru CM 32-21 għal perjodu bejn l-20 ta' Awwissu, 2021 sa 28 ta' Settembru, 2021 u minn ċekk numru BOV 8360 sa ċekk numru BOV 8371 u minn Bank Transfer 197/21 sa 230/21.

**32.4 Kommunikazzjoni mis-Sindku**

32.4.1 Is-Sindku qalet li l-Kunsill kien irċieva talba sabiex il-Kunsill jagħti l-fakulta' li jsir il-kors 'Għaqal id-dar'. Hija qalet li dan il-kors kellu jsir kull nhar ta' Tnejn, mifrux bejn 4 sa 6 ġimgħat. Is-Sindku qalet li hija kienet qed tissuġerixxi li dan il-kors isir fit-tea room ta' Ġnien is-Serenita. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li għandu jsir dan il-kors.

32.4.2 Is-Sindku qalet li l-Kunsill kien qabel li għandna nirranġaw il-gutter li hemm fi Triq il-Pensjeri għaliex ma kinux tajbin. Hija qalet li l-Perit kien mar mal-kuntrattur sabiex jaraw kif l-aħjar isir ix-xogħol u issa kienu qed jipproponu li jinqala' l-gutter u jsir qisu nofs katusa baxxa minflok. Is-Sindku qalet li l-kuntrattur u l-Perit kienu tkellmu mar-residenti tal-istess triq u kienu kuntenti b'dan is-suġġeriment. Is-Sindku ressqet il-kwotazzjoni sabiex isir dan ix-xogħol bl-ammont ta' €900 + VAT.

Il-Kunsillier is-Sur Terrence Ellul qal li l-importanti li jkunu kuntenti r-residenti b'dan ix-xogħol. Il-Kunsill iddiskuta u qabel unanimament ma dan is-suġġeriment.

32.4.3 Is-Sindku Charmaine St John ressqet komunikazzjoni min-naħa ta' Reġjun Nofsinhar fejn il-Kunsill seta' jorganizza attiva' għal Milied u r-reġjun jiffinanzja sa massimu ta' €5,000.

Il-Kunsill iddiskuta din l-inizjattiva u qabel li għandna nagħmluha nhar il-Hadd 12 ta' Dicembru, 2021.

Il-Viċi Sindku s-sur Frederick Cutajar propona li jsir kunċert minn St John's Cathedral Orchestra bit-tema tal-Milied u nistiednu t-talent lokali sabiex jieħdu sehem ukoll.

Il-Kunsillier is-Sur Terrence Ellul propona li ssir attivita' mifruxa fuq ġurnata attivitajiet, filgħodu nistiednu volontarji sabiex jagħtu servizz lin-nies filwaqt li jinġabru għotjiet b'risq il-Malta Community Chest Fund u wara jsir il-kunċert li kien qed jipproponi l-Viċi Sindku u għal għeluq isir Battle of the Bands.

Il-Kunsill iddiskuta dawn l-ideat u qabel li kulħadd għandu joħroġ bl-ideat imbagħad jingħaqdu flimkien sabiex issir attivita mifruxa fuq ġurnata. Il-Kunsill qabel ukoll li ideali li jsir sotto kumitat sabiex isir il-kordinament meħtieġ.

Il-Kunsillier is-Sur Terrence Ellul qal hekk kif konna qed noqorbu żmien il-Milied, il-Kunsill kien jinħtieġ li joħroġ is-sejħa għat-tizjin tal-Milied. Is-Sindku kkonfermat li l-Kunsill diġa' kien ħareġ is-sejħa fil-gazzetta tal-Gvern.

### 32.4.4 Pink October

Is-Sindku ressqet kommunikazzjoni fejn il-Kunsill gie mistieden jipparteċipa favur l-inizjattiva għal Pink October. Il-kunsill iddiskuta u qabel li jixgħel l-Ġnien u l-pjazez, u l-istaff jilbsu Rosa.

### 32.4.5 Tberik tal-Annimali

Is-Sindku qalet li kienet attendiet għal-laqgħa mal-kappillan il-ġdid. Is-Sindku qalet li nhar il-Ħadd 24 ta' Ottubru kienet ser tiġi ċċelebrata quddiesa fejn jkunu jistgħu jitbierku l-annimali tat-tfal fil-ġnien. Is-Sindku qalet li l-Kunsill jista' jistieden lil Esplora jew xi entitajiet oħra sabiex jorganizzaw xi attivitajiet/esebizzjonijiet addattati għat-tfal.

Il-Kunsilliera s-Sinjorina Kylie D'Amato qalet li tkun idea tajba hafna li ninkorporaw entitajiet bħal Animal Welfare u oħrajn ma din l-inizjattiva.

Il-Kunsill iddiskuta u qabel li għandna niċċekjaw rigward ir-regoli u limitazzjonijiet minħabba l-covid-19.

Il-Kunsillier Dr Liam Sciberras staqsa jekk hux possibbli li ssir l-water fountain li qed isiru fi bliet u rħula ma Malta. Is-Sindku qalet li kienet ikkomunikat mac-CEO tal-Ministru Dalli u l-Kunsill kien għadu qed jistenna risposta biex naraw jekk hux possibbli.

### 23.4.6 Attivitajiet tal-Milied

Is-Sindku qalet li mportanti li l-Kunsill jibda jaħseb f'xi attivitajiet li jista' jagħmel il-Kunsill għal żmien il-Milied. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li l-Kunsilliera jieħdu ħsieb kif ġej:

Attivita' għat-tfal jieħdu ħsiebha s-Sindku Charmaine St John u l-Kunsiliera Kylie D'Amato.

Attivita għal anzjani l-Kunsill qabel li l-aħjar li l-attivita'ssir filgħodu u jieħu ħsiebha l-Viċi Sindku s-Sur Frederick Cutajar.

Fun Run jieħu ħsiebha l-Kunsillier Terrence Ellul.

**32.4.7 Stedina lill-Kappilan**

Is-Sindku qalet li l-Kunsill kien stieden lill-Kappilan sabiex jattendi għal ikla li għandha ssir nhar il-Ġimgħa 22 ta' Ottubru, 2021. Hija stiednet lill-Kunsilliera kollha biex jattendu.

**32.4.8 Kwotazzjoni għal e-bikes**

Is-Sindku qalet li l-community policing kien ser jibda lejl l-aħħar ta' Novembru. Hija qalet li l-Community policing għal issa kienu ser joperaw mill-għassa. Is-Sindku qalet li kienet talbet għal kwotazzjoni għal e-bike u hekk kif ikollha aktar informazzjoni kienet ser tgħaddiha lill-kunsill.

**32.4.9 Kiri tal-Annex minn VSA**

Is-Sindku qalet li flimkien mal-Kunsilliera s-Sinjorina Kylie D'Amato kienet attendiet għal-laqgħa mas-CEO tal-VSA taħt il-Ministeru tal-Ministru Byron. Is-Sindku qalet li min-naħa tal-VSA kienu qed juru l-interess li jikru l-parti ta' quddiem tal-Annex tal-Kunsill sabiex jintuża bħala ċentru reġjonali għan-nofsinhar ta' Malta. Is-Sindku qalet ukoll li jista' jkun li f'ċerti ġranet l-uffiċċju jintuża għal xi entita' governattiva oħra.

Is-Sindku spjegat li r-*refurbishment* tal-uffiċċju għal VSA kellu jsir min-naħa tal-VSA, kif ukoll kienu ser jagħmlu l-annex u l-uffiċċini tal-Kunsill aċċessibbli għal kulħadd u jħallsu kera ta' €500 fix-xahar.

Il-Kunsilliera Kylie D'Amato qalet li min-naħa tagħha ħadet gost li ltaqgħet mas-CEO u tixtieq ħafna li l-Kunsill jaħdem id f'id ma aġenziji bħal dawn għal ġid tal-komunita'.

Il-Kunsill iddiskuta u faħħar lis-Sindku għal din l-inizjattiva u qabel unanimament li għandna nilħqu dan il-ftehim flimkien ma' VSA.

**32.4.10 Triq il-Ġibjun**

Is-Sindku qalet li l-Kunsill kien applika sabiex issir il-bankina fi Triq il-Ġibjun. Hija qalet li fil-verita' parti minn din it-triq tagħmel mal-Kunsill ta' Ħal Luqa u spjegat li kienet talbet laqgħa mas-sindku ta' Ħal Luqa minħabba din il-kwistjoni. Il-Kunsill iddiskuta il-parkeġġi u l-bicycle lane u l-istat ħażin tal-bankina f'din it-triq pero' ma kienx hemm qbil li l-bankina ssir f'dan l-istadju.

### 32.4.11 Skambju fi Spanja

Is-Sindku Charmaine St John qalet li l-Kunsill kien ircieva korrispondenza min-naħa tad-Dipartiment sabiex niġbru nformazzjoni ta' żagħżagħ li huma nteressati jipparteċipaw fi skambju ġewwa Spanja li ser ikun miftuħ għal żagħżagħ bejn it-18 u 30 sena. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li l-Kunsill għandu joħroġ avviż sabiex naraw min hu nteressat.

### 32.5 Nomina tad-Deputat Segretarju Eżekuttiv

Is-Sindku rringrazzjat lid-Deputat Segretarju Eżekuttiv għal ħidma tagħha tul dawn l-aħħar disa' xhur. Hija qalet li sa kemm il-Kunsill ikollu Segretarju Eżekuttiv permanenti kien jinħtieġ li jinħatar Deputat Segretarju Eżekuttiv ġdid. Hija nnominat lis-Sur Fabian Mizzi bħala Deputat Segretarju Eżekuttiv u l-Viċi Sindku s-Sur Frederick Cutajar ssekondaha.

Il-Kunsillier is-sur Terrence Ellul qal li qabel ma l-Kunsill ikompli bin-nomina ta' Deputat Segretarju Eżekuttiv ġdid f'isem il-Kunsill kollu jipproponi li d-Deputat Segretarju Eżekuttiv Doris Baldacchino terġa' tikkonsidra l-pożizzjoni tagħha u tkompli f'din il-kariga. Il-Viċi-Sindku ssekkondah.

Il-Kunsillier is-Sur Terrence Ellul qal li filwaqt li kulħadd għandu jkun responsabbli għal għemilu, f'isem il-Kunsill kollu kien qed jitlob skuża lid-Deputat Segretarju Eżekuttiv.

Il-Kunsilliera s-Sinjorina Kylie D'Amato u l-Kunsillier Dr Liam Sciberras ukoll ingħaqdu mal-Kunsillier Terrence Ellul f'din l-iskuża.

Is-Sindku staqsiet lid-Deputat x'kienet ser tkun il-pożizzjoni tagħha. Id-Deputat Segretarju kkonfermat li kienet qed taċċetta li tibqa Deputat Segretarju Eżekuttiv. Hawn is-Sindku rringrazzjat lis-Sur Fabian Mizzi, pero' minħabba l-kontinwazzjoni tax-xogħol u nuqqas ta' staff rringrazzjat lid-Deputat Segretarju Eżekuttiv li kienet qed terġa' taċċetta li tkompli f'din il-kariga.

Is-Sindku qalet li tajjeb li kulħadd jinsa dawn l-aħħar disa' xhur u mil-lum kulħadd għandu juri rispett kemm permezz tal-e-mails kif ukoll waqt il-laqgħat għal ġid tal-kunsill u tal-lokalita' ta' Santa Luċija. Il-Kunsill qabel.

### 32.6 Tender - Xiri ta' Van

Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv qalet li kienet qiegħda taħdem fuq il-kuntratt għal xiri ta' van. Hija staqsiet jekk kinitx tagħmel sens li nipruvaw għal van ta' 7 u 9 persuni flok ghal 9 persuni biss.

Il-Viċi Sindku qal li jekk il-van ikun għal 7 persuni li wieħed minnhom ikun ix-xufier il-van ser ikun zgħir wisq għal ħtiġijiet tal-Kunsill għalhekk il-Kunsill qabel li għandna nitolbu għal prezz ta' 9 persuni u 12 il-persuna.

## 32.7 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera

**32.7.1** Is-Sindku ressqet mistoqsija mressqa mill-Kunsillier is-Sinjorina Kylie D'Amato rigward il-murial.

Il-Kunsilliera Kylie D'Amato qalet li l-ewwel riedet tirringrazzja lil Right to Smile għall-impenn li wrew sabiex sar dan il-progett tal-murial fil-bandli. Hija qalet li bhala Kunsill tajjeb li jekk ikunu jinħtiegu xi xogħolijiet naħsbu għalihom minn kmieni sabiex b'hekk ix-xogholijiet isiru b'aktar kalma u kordinazzjoni.

Il-Kunsilliera Kylie D'Amato qalet ukoll li kienet tixtieq l-approvazzjoni sabiex il-Kunsill seta' jibda jaħseb biex isir proġett ta' murial ieħor mal-ħajt tal-picnic area ta' Gnien is-Serenita'. Hija qalet li kienet ser tibda tara għal applikazzjoni għal fondi sabiex isir dan ix-xogħol.

Il-Kunsillier Dr Liam Sciberras qal li xtaq li jzid mal-Kunsilliera Kylie D'Amato u qal li anki fi Triq il-Lellux seta' jsir proġett bhal dan biex nqajmu l-ambjent f'din it-triq. Il-Kunsill qabel.

Il-Kunsilliera s-Sinjorina Kylie D'Amato qalet li mill-parteipazzjoni tagħha fil-progett ta' 3Will li kienet attendiet mal-Kunsillier Dr Liam Sciberras kienu ħadu xi ideat li xtaqu jaqsmu mal-kunsill. Hija qalet li hemm kienu jsiru l-hedges sabiex iservu bħala barriers li jistgħu jsiru fil-jogging track u fi Triq tal-Barrani. Is-Sindku spjegat li kien ikkuntatjaha l-kuntrattur li kien ser jagħmel il-gate tal-ħadid u l-puġġaman tat-taraġ fil-jogging track kif ukoll l-gate mal-bus shelter.

32.7.2 Is-Sindku ressqet il-mistoqsija mressqa mill-Kunsillier Dr Liam Sciberras rigward l-spralli li hemm fi Triq il-Prinjoli, Dawret it-Torri u Garden drive. Is-Sindku kkonfermat li dan ix-xogħol diġa kien sar.

32.7.3 Is-Sindku ressqet il-mistoqsija mressqa mill-kunsilliera Dr Liam Sciberras rigward il-funtani tal-ilma li qed isiru madwar Malta u Għawdex u hemmx il-possibbilita' li jsiru anki f'Santa Luċija. Is-Sindku kkonfermat li kienet kellmet lil Ministeru li kien qed jagħmel din l-inizjattiva pero' il-Kunsill għad ma kellux risposta.

32.8 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

Il-laqgħa ntemmet fit-6.30pm. Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar is-Sibt 23 ta' Ottubru, 2021 fit-8:00am. Kkonfermati llum il-___________, ta' ___________2021.

| | |
|---|---|
| Iffirmati | Iffirmati |
| Charmaine St John | Doris Baldacchino |
| Sindku | Deputat Segretarju Eżekuttiv |